# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 33/2006**

**Tarek Mohamed Ibrahim**

***v.***

**Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u b'digriet tat-13 ta' Ġunju 2016 l-isem tal-Ministeru għandu jinqara "Ministeru għall-Ġustizzja Kultura u Gvern Lokali"; u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates***

1. Dan huwa appell tal-attur u wkoll appell ta' terzi interessati minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-attur għal dikjarzzjoni li, meta l-konvenuti neħħewlu ċ-ċittadinanza Maltija, kisru l-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] billi l-ewwel qorti sabet illi t-tneħħija taċ-ċittadinanza ma kinitx arbitrarja. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. L-attur kien kiseb ċittadinanza Maltija wara li żżewweġ lil mara Maltija. Dan iż-żwieġ kien ġie dikjarat null b’sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fit-30 ta’ Marzu 2004, li minnha ma sarx appell. Fis-17 ta’ Mejju 2005 id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* [“id-Direttur”] għarraf lill-attur li kien hemm il-ħsieb li titneħħielu ċ-ċittadinanza taħt l-art. 14(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza ta’ Malta [“Kap. 188”][1], u b’ordni tat-12 ta’ April 2006 maħruġ taħt l-istess art. 14(1) il-konvenut Viċi Prim’ Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern [“il-Ministru”] neħħa ċ-ċittadinanza Maltija li kellu l-attur.

3. Billi deherlu li dan sar bi ksur tad-drittijiet tiegħu taħt l-artt. 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-artt. 6 u 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab li jingħata r-rimedji xierqa.

4. B’sentenza tat-28 ta’ Frar 2007 l-ewwel ċorti ċaħdet it-talbiet tal-attur safejn magħmula taħt l-artt. 39 tal-Kostituzzjoni u l-artt. 6 u 8 tal-Konvenzjoni, u b’sentenza oħra tal-5 ta’ April 2011 ċaħdet ukoll it-

[1] **14.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, il-Ministru jista’ b’ordni jippriva miċ-ċittadinanza tiegħu Maltija kull ċittadin ta’ Malta li jkun hekk b’reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li r-reġistrazzjoni jew ċertifikat ta’ naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta’ qerq, rappreżentanza falza jew il-ħabi ta’ xi fatt sostanzjali.

talba taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni. L-attur appella minn dawn is-sentenzi (u minn provvediment tal-10 ta’ Jannar 2008 dwar produzzjoni ta’ dokumenti) u b’sentenza tat-28 ta’ Mejju 2012 din il-qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tiċħad l-appell fir-rigward tad-deċiżjoni tal-11 ta’ Jannar 2008 u tal-5 ta’ April 2011; tiċħad l-appell fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta’ Frar 2007 fir-rigward tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja; u tirrevoka l-istess sentenza limitatament għall-artikolu 8 u tordna li l-atti jintbagħatu lura quddiem l-ewwel qorti biex tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni … … …«

5. Ir-raġunijiet li kienu wasslu lil din il-qorti biex tilqa’ l-appell mis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2008 fil-parti relativa għall-art. 8 tal-Konvenzjoni ġew imfissra hekk:

> »… … … fis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2007 il-qorti ma daħlitx fil-mertu tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni iżda llimitat ruħha dwar l-applikabilità tal-istess artikolu.
>
> »Din il-qorti rat l-atti tal-kawża u ssib li l-ewwel qorti ddeċidiet li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma kienx japplika billi dak l-artikolu ma jistax jiġi invokat *stante* li l-għoti jew tneħħija taċ-ċittadinanza mhux dritt li joħroġ mill-Konvenzjoni. L-ewwel qorti ma daħlitx fil-mertu jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 8 billi, skont il-qorti, dan l-artikolu ma kienx japplika.
>
> »Illum il-ġurnata però huwa stabbilit mill-qorti ta’ Strasbourg illi għalkemm:
>
>> “The provisions of Article 8 do not guarantee a right to acquire a particular nationality or citizenship. Nevertheless, the Court has previously stated that it cannot be ruled out that an arbitrary denial of citizenship might in certain circumstances raise an issue under Article 8 of the Convention because of the impact of such a denial on the private life of the individual. (see <u>Karassev *v.* Finland</u> (dec.), no. 31414/96, ECHR 1999-II, and <u>Slivenko *v.* Latvia</u> (dec.) [GC], no. 48321/99, § 77, ECHR 2002-II).”[2]
>
> »Għalhekk l-artikolu 8 ma jistax jiġi eskluż *a priori* minħabba r-raġuni biss li d-dritt għaċ-ċittadinanza mhux wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni imma kellu jiġi mistħarreġ mill-qorti jekk kienx hemm, fil-każ in eżami, arbitrarjetà fit-tneħħija taċ-ċittadinanza. F’dan ir-rigward l-appellant jilmenta li huwa ma ngħatax l-opportunità li jressaq dawn il-provi fuq il-mertu taħt l-artikolu 8 (fosthom it-theddida ta’ Anna Grech li ġġiegħel lill-awtoritajiet ikeċċuh minn Malta) billi l-ewwel qorti ddeċidiet mill-ewwel li l-artikolu 8 ma kienx japplika.

---

[2] » <u>Genovese *v.* Malta</u> 11.10.2011.«

»Fuq dan l-aggravju l-appellant għandu raġun. Għalhekk din il-lanjanza tal-appellant għandha terġa' tiġi mistħarrġa mill-ewwel qorti biex l-appellant ikollu l-opportunità jressaq il-provi tiegħu fir-rigward biex il-qorti tkun tista' tiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm arbitrarjetà fl-ordni ta' tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu u konsegwentement jekk possibilment kienx hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.«

6. Fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015, imbagħad, li minnha sar dan l-appell tallum, l-ewwel qorti iddeċidiet li ma kienx hemm arbitrarjetà fid-deċiżjoni li l-attur jiġi mċaħħad miċ-ċittadinanza u għalhekk makienx hemm ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni. Ir-raġunijiet li wassluha għal din il-konklużjoni fissrithom hekk:

» Mill-provi rriżulta li:-

»i. ir-rikorrent iżżewweg f'Malta lil Anna Grech, fis-16 ta' Mejju 1998;

»ii. fl-10 ta' Mejju 1999 ingħata ċ-ċittadinanza Maltija. M'hemmx prova meta applika għaċ-ċittadinanza, għal-kemm il-qorti tifhem li dan seħħ ftit żmien wara ż-żwieġ;

»iii. b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2004 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-kawża <u>Anna Grech *v.* Tarek Mohammed Ibrahim</u> (rikors 285/2001), ġie annullat iż-żwieġ ċelebrat fis-16 ta' Mejju 1998. Fis-sentenza jingħad li l-kunsens ta' Ibrahim kien vizjat skond l-artikolu 19(1)(*f*) tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255). Il-qorti qalet:

»"Illi minn dan kollu jirriżulta bla ebda dubju kwalunkwe, dejjem fl-opinjoni ta' din il-qorti, li l-konvenut iżżewweġ lill-attriċi biss sabiex huwa jkun jista' joqgħod hawn Malta b'mod li jkun jista' jottjeni iktar faċilment il-permess li jaħdem f'dan il-pajjiż, … … … Illi fil-fatt l-istess konvenut approfitta ruħu mis-sitwazzjoni li sabet fiha l-attriċi fejn kienet waħedha trabbi t-tarbija tagħha għaliex kienet kisret ir-relazzjoni li kellha ma' raġel ieħor, u l-konvenut ipper-swadiha li ser jieħu ħsiebhom huwa, ħaġa li in verità qatt ma kellu intenzjoni li jagħmel, tant li baqa' jgħix ta' ġuvni, f'relazzjoni kontinwa ma' ħbieb tiegħu, jekk mhux ma' nisa oħra wkoll, b'introjtu miżeru għall-ħajja tal-lum, u bla ebda preparamenti u mpenn ta' xejn; anzi jirriżulta mix-xiehda tal-attriċi li lanqas biss ried li binha jgħix magħhom. Iż-żwieġ jidher li kien fażull għal kollox, tant li … … … l-attriċi marret għax-xogħol, f'xi ħin mar għaliha l-konvenut, iżżewwġu ċivilment u reġgħet marret għax-xogħol bla ma qalet xejn lill-familja tagħha, li saret taf biss ħafna xhur wara b'dan l-avveniment … … … qatt ma kellu intenzjoni, kunsens li jiżżewweg vera u proprja lill-attriċi, iżda biss li jinqeda biha għall-iskopijiet tiegħu, kif fil-fatt għamel; dan ukoll indikat bit-trattament dispreġattiv tal-istess konvenut

*verso* l-attriċi li kienu jinkludu wkoll vjolenza domestika, li hija sfortunatament komuni f'dawn il-każijiet."

»iv. b'ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja tat-12 ta' April 2006 iċ-ċittadinanza Maltija tneħħiet lir-rikorrent.

»… … …

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta r-rikorrent fit-8 ta' April 2015, argumenta li t-tneħħija taċ-ċittadinanza ġabitu f'sitwazzjoni ta' *statelessness*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

»i. fir-rikors promotur ir-rikorrent ma' lmentax li d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja tat lok biex spiċċa mingħajr ċittadinanza;

»ii. ir-rikorrent ma ressaqx prova ċara li kien tilef iċ-ċittadinanza Eġizzjana. Kull m'hemm hi l-kelma tiegħu. F'materja bħal din kellha titressaq l-aqwa prova li r-rikorrent m'għadux ċittadin Eġizzjan. F'kull każ jekk il-qorti kellha toqgħod biss fuq il-kelma tar-rikorrent:-

»(a) meta r-rikorrent applika għaċ-ċittadinanza Maltija l-liġi kienet ċara li f'każ ta' qerq tista' titneħħa;

»(b) m'hemmx prova li mhux ser ikun possibbli għalih li jerġa' jottjeni ċ-ċittadinanza ta' oriġini tiegħu;

»(ċ) m'hemmx prova li matul dawn is-snin kollha minn meta tneħħietlu ċ-ċittadinanza għamel xi tentattiv biex jerġa' jakkwista ċ-ċittadinanza ta' oriġini;

»(d) is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hi ċara, fis-sens li din il-qorti għandha tiddetermina jekk kienx hemm arbitrarjetà fl-ordni ta' tneħħija ta' ċittadinanza.

»Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-uniku xhud li ressaq ir-rikorrent kien l-avukat Dr Tonio Borg, li kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Ġustizzja fiż-żmien li tneħħiet iċ-ċittadinanza lir-rikorrent. M'hemmx ombra ta' prova li d-deċiżjoni tal-Ministru kienet arbitrarja. Hu altru milli evidenti li d-deċiżjoni kienet bażata fuq sentenza ta' qorti li kienet għaddiet f'ġudikat u li kkonkludiet li ż-żwieġ bejn ir-rikorrent u Anna Grech kien fażull u li r-rikorrent iżżewweġ biss sabiex jinqeda b'Anna Grech sabiex jieħu l-benefiċċji li l-istat ta' żwieġ iġib miegħu, fosthom li jkompli jgħix Malta u jaħdem. Is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, hi ġudikat. F'xenarju fejn ir-rikorrent qarraq ukoll bl-Istat Malti biex ottjena ċ-ċittadinanza Maltija, il-qorti ma tara xejn arbitrarju fid-deċiżjoni li ttieħdet mill-Ministru tal-Ġustizzja meta ddeċieda li jneħħilu ċ-ċittadinanza Maltija li kien akkwista bis-saħħa taż-żwieġ ma' Anna Grech. Għalkemm ir-rikorrent argumenta li Anna Grech kienet kisbet is-sentenza tal-annullament b'qerq, dan ma jirriżultax. Dan apparti li kieku ried ir-rikorrent kellu kull opportunità li jappella mis-sentenza u saħansitra jipproponi proċeduri ta' ritrattazzjoni. Ċertament li dan m'huwiex il-proċess fejn għandha ssir indaġni simili. Madankollu r-rikorrent għażel li ma jiħux passi. *Inoltre*, għalkemm ipprova jagħti x'jifhem li fl-aġir tagħha Anna Grech ġiet assistita minn uffiċjali tal-Gvern, din baqgħet biss konġettura. Il-kawża <u>Fattiha Khallouf *v.* Ministru tal-Affarijiet Barranin *et*</u>, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2014, ukoll kienet titratta żwieġ ta' konvenjenza. Il-qorti osservat:

»"Dwar in-natura tal-għemil qarrieqi tar-rikorrenti meta din biex takkwista ċ-ċittadinanza Maltija daħlet fi żwieġ simulat, din il-qorti tosserva li m'hemmx dubju li l-aġir tar-rikorrenti għandu grad għoli ta' gravità tenut kont tal-fatt li kif konsistentement sostnut mill-qrati tagħna il-kuntratt ta' żwieġ huwa wieħed mill-kuntratti l-aktar essenzjali għas-soċjetà u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku u l-qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hi sejra tħares lejh mill-*punto di vista* ċivili biss.[App. Ċ. Carmel Farrugia *v.* Pauline Farrugia, deċiż 28.07.1987, ċitata b'approvazzjoni PA Christine Ellul *v.* Brian Ellul, deċiż 21.10.2002 … … …].

»"Provata l-eżistenza tal-frodi jew qerq da parti tal-attriċi, japplika l-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, u għalhekk dak kollu li r-rikorrenti kkonsegwiet bl-aġir frawdolenti tagħha huwa null u ma jiswiex fil-liġi.

»"Għalhekk għandu jirriżulta ċar kristallin li jeżisti l-element tal-qerq li huwa wieħed miċ-ċirkostanzi li fuqhom l-intimat seta' legalment joħroġ ordni ta' privazzjoni miċ-ċittadinanza *ai termini* tal-art. 14(1) tal-Kap. 188, u f'dan is-sens m'għandux ikun hemm dubju li l-interferenza tal-Istat, konsistenti fil-ħruġ tal-ordni tal-privazzjoni miċ-ċittadinanza fil-konfront tar-rikorrenti, ma kinitx waħda arbitrarja, kif sostnut minnha, iżda kienet waħda leġittima fit-termini tal-artikolu preċitat".

»Għalkemm fil-każ tal-lum xehedet ukoll Anna Grech u qalet li għamlet rapport għaliex kienet irrabjata u kienet maħkuma mill-għira, b'daqs-hekk ma jfissirx li gidbet meta xehdet fil-kawża ta' annullament. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva wkoll li Anna Grech:

»i. qalet li wara z-żwieġ għamlet erba' snin tgħix mar-rikorrent. Però ż-żwieġ kien ċelebrat fis-16 ta' Mejju 1998 u l-kawza tal-annullament ġiet proposta fl-20 ta' Frar 2001, jiġifieri kienu għadhom lanqas biss għaddew tliet snin żwieġ;

»ii. tat x'tifhem li kien wara li saret taf li r-rikorrent kien ser ikollu tarbija li għamlet rapport mal-awtoritajiet għaliex inħakmet minn għira u rabja. Jirriżulta li fil-5 ta' Jannar 2005 twieldet it-tifla Jasmine, bint ir-rikorrent u s-sieħba tiegħu. Però mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2004 jirriżulta li Anna Grech kienet xehdet *b'affidavit* preżentat fit-8 ta' April 2003 u mbagħad sarilha kontro-eżami fil-15 ta' Lulju 2003. Żmien li ma kellu x'jaqsam xejn mat-tqala tat-tifla Jasmine. Għalhekk meta xehdet fil-proċeduri ta' annull-ament, ma jreġix l-argument li Anna Grech kellha motiv biex tigdeb dwar ir-rikorrent.

»F'kull każ fir-rikors promotur ir-rikorrent argumenta li t-tneħħija taċ-ċittadinanza ser tippreġudika l-posizzjoni tiegħu bhala missier il-minuri Jasmine Ibrahim u mhux ser ikun jista' jgawdi l-ħajja u r-rabta tal-familja tiegħu. F'dan ir-rigward:-

»i. il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara li d-dritt taċ-ċittadin-anza m'huwiex wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Kon-venzjoni.

»ii. il-fatt li r-rikorrent tneħħietlu ċ-ċittadinanza ma jfissirx li tilef id-dritt li jgħix f'Malta (ara Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 fejn per eżempju l-liġi tikkontempla applikazzjoni

> għall-ħruġ ta' *residence permit*). F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża R. Louay *v.* Viċi Prim'Ministru *et* tal-25 ta' Mejju 2012 (§46-§48). *Inoltre*, lanqas m'hemm xi prova li nħarġet xi ordni ta' tneħħija kontra r-rikorrent. Ordni ta' tneħħija tqajjem kwistjonijiet relatati mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; madankollu għall-każ tal-lum m'hijiex rilevanti.

»Ir-rikorrent semma wkoll li hu nserixxa ruħu sew f'Malta, u saħansitra kellu wkoll żewġt itfal. Li rriżulta żgur hu li r-rikorrent kompla b'ħajtu. Però l-qerq li wettaq fil-konfront tal-Istat Malti m'għandux jiġi ppremjat bil-fatt li għaddew dawn is-snin kollha. Il-każ jitratta dwar ċittadinanza u mhux tkeċċija ta' persuna minn Malta. Is-sentenzi tal-qorti ta' Strasburg li r-rikorrent għamel riferenza għalihom kollha jitrattaw kawżi ta' tkeċċija minn pajjiż. *Inoltre*, ma tressqu l-ebda provi ta' konsegwenzi li setgħu sofrew ulied ir-rikorrent minħabba li missierhom m'għadux ċittadin Maltin, u l-qorti m'hijiex ser tagħmel supposizzjonijiet. Il-kawżi jiġu deċiżi fuq il-provi li jressqu l-partijiet. Dawn il-proċeduri ilhom pendenti iktar minn tmien snin u altru milli r-rikorrent kellu kull opportunità li jressaq il-provi kollha li ried.«

7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' Lulju 2015, u fl-istess rikors appellat ukoll Anna Stefanova Zaharieva – illum sieħba tal-attur – f'isimha u f'isem l-ulied minuri tagħha u tal-attur. Il-konvenuti wieġbu fit-23 ta' Lulju 2015. L-atturi għamlu wkoll sottomissjonijiet bil-miktub b'nota tal-25 ta' April 2016 li għaliha l-konvenuti wieġbu fl-10 ta' Mejju 2016.

8. Nibdew bl-appell tal-attur.

9. Il-qorti tosserva, qabel ma tibda tqis l-aggravji tal-attur, illi l-kwistjoni li kellha tiġi deċiża fis-sentenza appellata kienet jekk it-tneħħija taċ-ċittadinanza tal-attur bl-ordni tat-12 ta' April 2006 kinitx arbitrarja, u għalhekk bi ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni, u dan kif iddisponiet is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Mejju 2012 li hija *res iudicata*. Għaldaqstant, is-sottomissjonijiet tal-partijiet jitqiesu relevanti biss safejn jolqtu l-kwistjoni jekk it-tneħħija taċ-ċittadinanza kinitx arbitrarja

jew le. Konsiderazzjonijiet oħra *se mai* jistgħu jifformaw il-meritu ta' kawża oħra iżda mhux ta' dan l-appell.

10. L-ewwel aggravju tal-attur ġie mfisser hekk:

> »… … … l-ewwel qorti ma kkonsidratx it-tbatija li r-rikorrent għadda minnha matul dawn is-snin kollha. Minkejja x-xiehda falza mogħtija minn Anna Grech fil-kawża ta' annullament taż-żwieġ u quddiem il-kumitat ta' inkjesta, hija ġiet emnuta minkejja li l-provi f'dak il-proċess kienu jgiddbuha. Damu flimkien 4 snin – ħadd ma jemmen li anki wara li ħadet l-annullament baqgħet iffissata fuqu. Matul dawn l-erba' snin, hija kienet issegwih, tgħasses fuqu tonsbu, tagħmillu xenati barra quddiem dawk li jinzertaw ikunu preżenti u atti ta' ġelożija kbira. Altru milli kien żwieġ ta' konvenjenza! Sahansitra qalbet ir-reliġjon għall-Islam u marret tgħix għand ommu fl-Eġittu. Anna Grech kienet heddidtu mill-bidu nett: riedet it tfal minnu jew inkella tneħħilu ċ-ċittadinanza, u hekk għamlet tassew. Użat is-saħħa kollha tagħha bil-kuntatti li kellha u rnexxielha. Anna Grech reġgħet xehdet falz fil-proċeduri quddiem il-kumitat ta' inkjesta maħtur mill-Ministru tal-Ġustizzja.
>
> »… … …
>
> »Fil-każ preżenti t-tneħħija taċ-ċittadinanza kienet – kif juru l-provi – riżultat tal-makkinazzjoni ta' mara Anna Grech li ddeċidiet li a kwalunkwe kost tasal biex tneħħi lil żewġha ċ-ċittadinanza Maltija. Dan għamlitu, l-ewwel, billi ppreżentat kawża ta' annullament taż-żwieġ billi qarrqet bil-qorti u qalet falzament li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza, meta kienu għexu 4 snin flimkien f'atmosfera ta' ġlied u ġelosija morbuża, u, it-tieni, billi sabet lil ċertu Felix Camilleri, impjegat fil-Ministeru ta' Dr Tonio Borg, li dak iż-żmien kien Viċi Prim'Ministru, u ħaditlu rasu biex jara kif jagħmel biex titneħħa ċ-ċittadinanza lil żewġha r-rikorrent. Ma jidhirx li Felix Camilleri sab ostakoli biex iwettaq ix-xewqa tal-mara tar-rikorrent. Fil-fatt, ġie maħtur kumitat ta' inkjesta fi ħdan dak il-ministeru. Il-kumitat ta' inkjesta ħareġ rakkomandazzjoni favorevoli u l-ministru neħħa ċ-ċittadinanza lir-rikorrent.
>
> »… … …
>
> »Mill-provi prodotti jirriżulta li Tarek Ibrahim inserixxa ruħu sew f'Malta. Għalhekk, id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu tikkostitwixxi interferenza fid-dritt għall-ħajja privata u ħajja tal-familja, bi vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> »L-interferenza tal-Istat ma kinitx waħda bbażata fuq raġunijiet validi fil-liġi u xierqa, iżda kienet riżultat ta' illiċeità, kif jirriżulta mill-provi miġjuba f'din il-kawża.
>
> »Illi bir-rispett kollu, l-argumenti kontenuti fis-sentenza tal-ewwel qorti elokwentement jesponi r-raġunament fallaċi ta' dik l-onorabbli qorti nfisha.
>
> »Illi s-sentenza mogħtija mill-qorti tal-ewwel istanza tat importanza esaġġerata lill-konklużjoni evidentissimament żbaljata tal-Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja). 'Żbaljata' għaliex wara erba' (4) snin sħaħ igħixu flimkien, jiġġieldu qishom kelb u qattus b'riżultat tal-ġelosija morbuża min-naħa ta' Anna Grech kif ġie effettivament ippruvat, iż-żwieġ bejn Anna Grech u Tarek Mohamed Ibrahim ma setax kien żwieġ ta' konvenjenza. Għaliex l-ewwel qorti ma kellhiex tara dak li hu ċar quddiem għajnejha?

»… … …

11. Essenzjalment, dan l-aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-allegazzjoni tiegħu illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Marzu 2004, li iddikjarat in-nullità taż-żwieġ tiegħu ma' Anna Grech, kienet miksuba b'xiehda falza u qerq ta' Anna Grech. Fil-verità minn dik is-sentenza ma sarx appell u lanqas ma saret kawża għal dikjarazzjoni li l-provi li fuqhom kienet deċiża dik il-kawża kienu foloz, biex jintalab it-tħassir tagħha taħt l-art. 811(*j*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għall-għanijiet kollha tal-liġi, mela, dik is-sentenza għandha titqies illi dak li tgħid huwa s-sewwa: huwa fatt li din il-qorti għandha toqgħod fuqu illi ż-żwieġ bejn l-attur u Anna Grech kien żwieġ ta' konvenjenza u li għalhekk l-attur kiseb iċ-ċittadinanza Maltija b'qerq meta kisibha bis-saħħa taż-żwieġ tiegħu ma' Anna Grech. *Se mai* l-argumenti tal-attur kemm fir-rikors tal-appell u kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet – illi Anna Grech kienet tħobbu u baqgħet b'infatwazzjoni dwaru wkoll wara d-dikjarazzjoni ta' nullità taż-żwieġ – jixħtu dawl fuq is-sentimenti ta' Anna Grech lejh, u mhux fuq is-sentimenti tiegħu lejha. Il-provi fl-atti tal-kawża tan-nullità li, min-naħa tal-attur, iż-żwieġ kien biss wieħed ta' konvenjenza huma konklużivi minnhom infushom, u mhux biss għax il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, emmnithom u tathom siġill legali bis-saħħa ta' sentenza li saret *res iudicata.*

12. L-argumenti tal-attur imsejsa fuq il-premessa li ż-żwieġ tiegħu ma' Anna Grech kien żwieġ ġenwin huma għalhekk argumenti vojta, mhux biss mhux imsaħħa b'xiehda iżda anzi kontradetti b'sentenza li saret finali u li, għalkemm kellu kull mezz biex jagħmel hekk, l-attur qatt ma impunjaha jew fittex li jimpunjaha.

13. Il-kwistjoni għalhekk essenzjalment hija din: huwa att arbitrarju li ċċaħħad persuna miċ-ċittadinanza Maltija meta dik iċ-ċittadinanza kisbitha b'qerq u meta kienet taf – għax il-liġi titkellem ċar fuq hekk – illi ċittadinanza meħuda b'qerq tista' tiġi mħassra?

14. L-argument li jressaq l-attur biex juri li t-tneħħija taċ-ċittadinanza kienet arbitrarja hu illi:

> »L-interferenza tal-Istat ma kinitx waħda bbażata fuq raġunijiet validi fil-liġi u xierqa, iżda kienet riżultat ta' illiċeità, kif jirriżulta mill-provi miġjuba f'din il-kawża.«

15. Din hija asserzjoni dommatika aktar milli argument. Fil-fatt iżda d-deċiżjoni li lill-attur titneħħielu ċ-ċittadinanza kienet imsejsa fuq dis-posizzjoni espressa tal-liġi: l-"illiċeità" ma kinitx fl-ordni ta' tneħħija taċ-ċittadinanza iżda fl-għemil tal-attur li jidħol fi żwieġ ta' konvenjenza, "kif jirriżulta mill-provi".

16. Aggravju ieħor tal-attur hu illi, b'konsegwenza tal-ordni tal-Ministru, l-attur spiċċa bla ċittadinanza, bil-konsegwenzi kollha li dan il-fatt iġib miegħu. Kompla fisser dan l-aggravju hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti jidher li ma qablitx mal-argument li t-tneħħija taċ-ċittadinanza wasslet lir-rikorrent f'sitwazzjoni ta' *statelessness*. Naraw kif affrontat dan l-argument l-ewwel qorti: "Fir-rikors promotur ir-rikorrent ma lmentax li d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja tat lok biex spiċċa mingħajr ċittadinanza". Bl-ikbar rispett lejn

l-ewwel onorabbli qorti, wieħed ma jistenniex dikjarazzjoni bħal din. Kif appena wieħed iħares lejn it-talbiet, wieħed jinnota li d-deċiżjoni tat-tneħħija taċ-ċittadinanza qiegħda tiġi impunjata. L-argument ibbażat fuq l-effett tat-tneħħija taċ-ċittadinanza ma għoġobx lill-ewwel qorti, bħallikieku *statelessness* mhux l-*end result* dirett tat-tneħħija taċ-ċittadinanza. Bl-ikbar rispett jiġi sottomess illi jekk qorti ma tafferrax il-portata tal-gravità ta' *statelessness* fl-ambitu ta' *European Human Rights Law*, allura r-rikorrent ma jaħtix.

»Huwa l-każ li l-ewwel qorti tallineja ruħha mal-prinċipji u ġuris-prudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u anki maħ dik tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja.

»Illi dejjem bil-għan li tattakka l-argument dwar *statelessness*, li ma għoġobhiex, l-ewwel qorti qalet li r-rikorrent ma ressaqx prova ċara li kien tilef iċ-ċittadinanza Eġizzjana. Tajjeb, mela l-ewwel il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tirrespinġi t-talba biex jiġi ppreżentat ir-rapport tal-kumitat ta' inkjesta, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma r-riġett tat-talba biex jiġi ppreżentat ir-rapport tal-kumitat ta' inkjesta, imbaghad *sopra le corna, bastonate* l-ewwel qorti tgħid li ma ressaqx prova ċara li kien tilef iċ-ċittadinanza Eġizzjana. … … …«

17. Verament, ukoll jekk dan hu minnu, dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Ministru kienet arbitrarja; *se mai* turi nuqqas gravi ta' responsabilità min-naħa tal-attur jekk, biex kiseb iċ-ċittadinanza ta' Malta, irrinunzja għal dik ta' pajjiżu meta jaf li, għax iċ-ċittadinianza Maltija kisibha b'qerq, seta' jitlifha hekk kif jinkixef il-qerq.

18. Fil-fatt, iżda, qiegħed igħid ħażin l-attur meta jlum lill-ewwel qorti li "ma afferratx il-portata" tal-argument li bit-tneħħija taċ-ċittadinanza l-attur kien sejjer jispiċċa apolidi jew *stateless*, "bħallikieku *statelessness* mhux l-*end result* dirett tat-tneħħija taċ-ċittadinanza". Fil-fatt huwa l-attur li ma huwiex qiegħed jafferra r-raġunament tal-ewwel qorti. Hija t-tneħħija taċ-ċittadinanza tal-oriġini jekk mhux bil-ksib ta' ċittadinanza oħra li tista' tagħmel persuna apolidi; it-tneħħija ta' ċittadinanza miksuba, bħal ma kienet dik tal-attur, ma twassalx għal stat ta' *statelessness* sakemm ma jintweriex li biex kiseb it-tieni ċittadinanza l-attur kellu bilfors jitlef dik ta' l-oriġini mingħajr possibilità li jiksibha lura.

Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, din il-prova ma saritx u huwa bla sens l-argument tal-attur li din il-prova ma għamilhiex għax ma tħalliex iressaq ir-rapport tal-kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-Ministeru tal-Ġustizzja: il-prova tat-telfien taċ-ċittadinanza Eġizzjana ma ssirx b'rapport ta' kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta; issir *se mai* bix-xiehda ta' dokumenti uffiċjali maħruġa mill-Gvern tal-Eġittu. Din il-prova l-attur, jew bi traskuraġni jew għax hekk qabillu, ma għamilhiex.

19. Barra minn hekk, kif ukoll sewwa osservat l-ewwel qorti, jekk l-attur tassew irrinunzja għaċ-ċittadinanza tal-oriġini tiegħu, ma ressaq ebda prova li fittex jerġa' jiksibha meta sar jaf li, minħabba l-qerq tiegħu, kien sejjer jitlef iċ-ċittadinanza Maltija. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' Janko Rottman *v.* Freistaat Bayern[3]:

> »57 … … … Stat Membru li ċ-ċittadinanza tiegħu nkisbet b'mod frawdolenti ma jistax jitwaqqaf … … … milli jirrevoka n-naturalizzazzjoni għar-raġuni biss li l-persuna kkonċernata ma rkupratx iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru oriġinali tagħha.
>
> »58 Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità jitlobx li, qabel it-tali deċiżjoni ta' revoka tan-naturalizzazzjoni tidħol fis-seħħ, il-persuna kkonċernata tingħata terminu raġonevoli sabiex tkun tista' terġa' tirkupra ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru oriġinali tagħha.«

20. Fil-każ tallum kien hemm żmien biżżejjed – bejn l-avviż mogħti mid-Direttur fis-17 ta' Mejju 2005 u l-ordni tal-Ministru tat-12 ta' April 2006 – biex l-attur jieħu l-inizjattiva li jfittex jieħu lura ċ-ċittadinanza li kellu qabel – jekk tassew kien tilifha – iżda ma tressqet ebda prova li l-attur

[3] 2 ta' Marzu 2010, C-135/08.

għamel xi ħaġa b'dan il-għan. Fil-fatt lanqas sallum – għaxar snin wara – ma nġiebet prova li l-attur ħa xi inizjattiva bħal dik.

21. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma ġiex imċaħħad miċ-ċittadinanza Maltija minħabba xi ħaġa li għamel wara li kisibha, bħallikieku għamel xi reat li minħabba fih tneħħietlu ċ-ċittadinanza, fejn allura kienet tkun relevanti l-kwistjoni jekk ir-reat kienx ta' gravità biżżejjed biex, b'ħarsien ta' proporzjonalità, tistħoqqlu dik il-konsegwenza. Fil-każ tallum il-kisba taċ-ċittadinanza kienet vizzjata *ab initio* għax inkisbet bis-saħħa ta' żwieġ simulat li l-attur daħal fih biss u apposta biex jikseb iċ-ċittadinanza. L-attur kien jaf sa mill-bidunett illi ċ-ċittadinanza li kiseb kienet prekarja għax maħruġa taħt kondizzjoni – assenza ta' qerq – li kien jaf sa mill-bidunett li ma kienx ħarisha.

22. Għal dawn ir-raġunijiet l-ordni ta' tneħħija taċ-ċittadinanza – maħruġ wara li kien aċċertat li ċ-ċittadinanza nkisbet b'qerq, għax dikjarat b'sentenza tal-qorti li ż-żwieġ tal-attur ma' Anna Grech, li bis-saħħa tiegħu l-attur kiseb iċ-ċittadinanza, kien żwieġ ta' konvenjenza – ma kien arbitrarju xejn iżda motivat b'raġuni li l-liġi stess tqis bħala raġuni għat-tneħħija taċ-ċittadinanza lil min kisibha bħal ma kisibha l-attur. Lanqas ma jista' jingħad li hemm nuqqas ta' proporzjonalità fil-fatt li ċittadinanza miksuba b'qerq tintilef hekk kif jinkixef il-qerq; anzi hija ħaġa meħtieġa f'soċjetà demokratika illi ċ-ċittadinanza ta' pajjiż ma tkunx svalutata billi titħalla li liberament tinkiseb b'qerq.

23. It-tielet aggravju ġie mfisser hekk:

> » Aggravju ieħor huwa li dan il-kamp huwa 'imminat' b'ġurisprudenza rikka favorevoli għar-rikorrent, b'tali mod li biex qorti tiddeċiedi kontra

tiegħu trid tevita s-sentenzi numerużi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem favorevoli għar-rikorrent, qisha qed tinnaviga bastiment fid-Dardanelli! B'danakollu, l-ewwel qorti applikat, bir-rispett kollu, *tunnel vision*, jiġifieri s-sentenza 285/2001 RCP [is-sentenza li iddikjarat in-nullità taż-żwieġ].

»Insibu allura, li sentenzi importanti, abilment kummentati minn ġuristi awtorevoli, bħal <u>Rottmann *v.* Freistaat Bayern</u> jew <u>Rodrigues da Silva and Hoogkamer *v.* the Netherlands</u>, ġew injorati, żvalutati u skartati, qishom ma jeżistux.

»Għalhekk, jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiddependi xejn minn jekk iż-żwieġ kienx "fażull", iżda fuq l-interferenza tal-Istat Malti fit-tgawdija ta' dritt li hu garantit, iktar u iktar fil-każ ta' dan il-missier li għandu tliet uliedu ta' nazzjonalità Maltija. … … …«

24. Ma kien hemm ebda ndħil fi "dritt protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni" għax iċ-ċittadinanza ma hijiex dritt taħt dak l-artikolu; id-dritt imħares taħt dak l-artikolu hu li ċ-ċittadinanza ma titneħħiex arbitrarjament. Il-kwistjoni jekk l-ordni ta' tneħħija taċ-ċittadinanza kienx arbitrarju jew le – il-meritu ta' dan l-appell – tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi kif kienu fiż-żmien relevanti, li hu ż-żmien meta nħareġ l-ordni. Jekk l-attur, għal-kemm jaf li bi ħtija tiegħu kien sejjer jitlef iċ-ċittadinanza ta' Malta, flok fittex li jerġa' jikseb dik tal-Eġittu (jekk tassew tilifha), kompla minflok joħloq għeruq f'Malta, dan ma jibdilx il-fatt illi, meta ttieħed id-deċiżjoni li tinteħħilu ċ-ċittadinanza, din kienet deċiżjoni leġittima, motivata sew fuq disposizzjoni espressa tal-liġi, proporzjonata u xejn arbitrarja; kienet ukoll miżura meħtieġa f'soċjetà demokratika għax ċittadinanza ta' pajjiż ma għandhiex titħalla tinkiseb b'qerq jew b'manuvri oħra illeġittimi. Ladarba l-meritu ta' dan l-appell huwa jekk dik id-deċiżjoni kinitx arbitrarja jew le, l-attur ma għandux jitħalla illi, kif qiegħed ifittex li jagħmel, jiddirotta l-kawża b'referenza għal ċirkostanzi li ħoloq żmien wara li ttieħdet dik id-deċiżjoni. Wara kollox, kif sewwa tosserva l-

ewwel qorti, il-kwistjoni llum ma hijiex jekk l-attur għandux jitneħħa minn Malta iżda jekk id-deċiżjoni li wasslet għall-ħruġ tal-ordni tat-12 ta' April 2006 kinitx waħda arbitrarja, u għalhekk iċ-ċirkostanzi relevanti huma dawk tat-12 ta' April 2006.

25. Lanqas ma jgħinu lit-teżi tal-attur is-sentenzi ċitati minnu. Il-każ Rodrigues da Silva[4] kien dwar permess ta' residenza mhux dwar tneħħija ta' ċittadinanza miksuba b'qerq, waqt illi l-każ ta' Rottman[5] jikkonferma d-dritt ta' stat li jneħħi ċittadinanza miksuba b'qerq.

26. L-aħħar aggravju tal-attur ġie mfisser hekk:

> »L-għeluq tas-sentenza tal-ewwel qorti huwa sorprendenti peress li minflok ma l-enfasi hija fuq jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-ewwel qorti kkonkludiet illi "Il-fatt li r-rikorrent tneħħietlu ċ-ċittadinanza ma jfissirx li tilef id-dritt li jgħix f'Malta" – u ħarġet bil-proposta li huwa japplika għall-hrug ta' *Residence Permit*. Sorprendenti wkoll huwa l-fatt li l-ewwel qorti rrimarkat li "lanqas m'hemm xi prova li nħarget xi ordni ta' tneħħija kontra r-rikorrent. Ordni ta' tneħħija tqajjem kwistjonijiet relatati mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni; madankollu għall-każ tal-lum m'hijiex rilevanti". L-ewwel qorti qiegħda in effett tiddikjara li r-rikorrent ma jistax jitneħħa minn Malta iżda jista' biss jinżamm bejn l-erba' ħitan ta' pajjiżna mingħajr ċittadinanza, b'mod indefinit. Dan, bir-rispett kollu, mhuwiex rispett lejn id-drittijiet fondamentali tal-individwu.«

27. Dan l-aggravju hu msejjes fuq il-premessa, xejn provata, li l-attur tilef u ma jistax jerġa' jikseb iċ-ċittadinanza Eġizzjana u fuq il-premessa, ukoll xejn provata, li ma jistax isiefer. In-nuqqas ta' prova huwa biżżejjed biex dan l-aggravju wkoll jiġi miċħud, ukoll bla ma nqisu l-fatt illi l-ksib taċ-ċittadinanza kien sa mill-bidunett vizzjat b'qerq, ċirko-stanza li, kif stabilit fil-każ ta' Rottman[6], tilleġittima t-tneħħija taċ-

[4] Q.E.D.B. 31 ta' Jannar 2006 (rik. . 50435/99).

[5] Para. 19, *supra.*

[6] Para. 19, *supra.*

ċittadinanza. Għall-preċiżjoni, jingħad ukoll illi l-ewwel qorti ma qalitx – kif l-attur qiegħed igħid li qalet – illi l-attur ma jistax jitneħħa minn Malta; qalet biss li ordni ta' tneħħija, jekk jinħareġ, jista' jqajjem kwistjonijiet oħra taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni li iżda ma humiex relevanti għall-kawża tallum billi ma ntweriex li nħareġ ordni ta' tneħħija.

28. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-attur huwa miċħud.

29. Ngħaddu issa għall-appell tat-terzi interessati: Anna Stefanova Zaharieva – illum sieħba tal-attur – f'isimha u f'isem Jasmine Ibrahim, Troy Shams Ibrahim u Alexander Mohamed Ibrahim, l-ulied minuri tagħha u tal-attur. L-aggravju ta' dawn ġie mfisser hekk:

> »Illi l-ewwel onorabbli qorti osservat fl-aħħar paragrafu tas-sentenza li "*Inoltre*, ma tressqu l-ebda provi ta' konsegwenzi li setgħu sofrew ulied ir-rikorrent minħabba li missierhom m'għadux ċittadin Malti, u l-qorti m'hijiex ser tagħmel supposizzjonijiet". L-esponenti tissottometti birrispett illi l-"konsegwenzi" huma kollha legali, jiġifieri, jemerġu mil-liġi, u għalhekk huma m'għandhomx għalfejn jippruvaw x'igħidu l-Liġijiet ta' Malta, għaliex il-Qrati ta' Malta jieħdu *judicial notice* ta' dak li jgħidu l-liġijiet u suppost iwettquh.
>
> »Barra minn hekk, fost il-konsegwenzi, insibu li missierhom ilu miżmum milli jsiefer mit-12 ta' April 2006 meta ġiet meħuda ċ-ċittadinanza –
>
>> »Consequences of Statelessness:
>>
>> »Stateless persons live in an extremely precarious and vulnerable situation. Although humans have rights under international human rights law, individuals without citizenship lack the legal recognition necessary to exercise many rights, and have no expectation of diplomatic protection from any government. Statelessness affects a person's ability to enjoy fundamental privileges such as marriage, wage-earning employment, education, health, and freedom of movement. Consequently, "poverty becomes an integral part of stateless life". UNHCR & Asylum Aid, Mapping Statelessness in the United Kingdom 25 (2011). Stateless persons are also particularly vulnerable to expulsion from their country of habitual residence because they lack a legal status and are at risk of prolonged detention, particularly in the context of pre-deportation detention, because there is often no State that will admit them. See Equal Rights Trust, The Protection of Stateless Persons in Detention under International Law (Jan. 2009) 36-7 (Working Paper).«

30. Dan l-aggravju wkoll huwa mibni fuq il-premessa li l-attur tilef iċ-ċittadinanza Eġizzjana u ma jistax jerġa' jiksibha, premessa li għal darba oħra nerġgħu ngħidu li ma ġietx provata u li, wara kollox, mhux neċessarjament hija relevanti meta l-attur kiseb iċ-ċittadinanza Maltija b'qerq u għalhekk il-ksib taċ-ċittadinanza kien vizzjat *ab initio*.

31. L-appell tat-terzi interessati wkoll huwa għalhekk miċħud.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell kemm tal-attur u kif ukoll dak tat-terzi appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata.

33. L-ispejjeż tat-terzi appellanti jħallsuhom huma stess; l-ispejjeż l-oħra li dwarhom għadha ma ngħatatx deċiżjoni jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df